Ġabra tal-ġurisprudenza

# SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Awla Manja)

8 ta' Novembru 2016*

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali — Deċiżjoni Qafas 2008/909/ĠAI — Artikolu 17 — Dritt li jirregola l-eżekuzzjoni ta' kundanna — Interpretazzjoni ta' regola nazzjonali tal-Istat ta' eżekuzzjoni li tipprovdi għal tnaqqis tal-piena li tinvolvi ċ-ċaħda tal-libertà minħabba x-xogħol imwettaq mill-persuna kkundannata matul l-inkarċerazzjoni tagħha fl-Istat emittenti — Effetti legali tad-deċiżjonijiet qafas — Obbligu ta' interpretazzjoni konformi"

Fil-Kawża C-554/14,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mis-Sofiyski gradski sad (qorti tal-belt ta' Sofija, il-Bulgarija), permezz ta' deċiżjoni tal-25 ta' Novembru 2014, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fit-3 ta' Diċembru 2014, u kkompletata fil-15 ta' Diċembru 2014, fil-proċeduri kriminali kontra

**Atanas Ognyanov**

fil-preżenza ta':

**Sofiyska gradska prokuratura,**

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Awla Manja),

komposta minn K. Lenaerts, President, A. Tizzano, Viċi President, R. Silva de Lapuerta, M. Ilešič, J. L. da Cruz Vilaça u M. Berger (Relatur), Presidenti ta' Awla J.-C. Bonichot, A. Arabadjiev, C. Toader, M. Safjan, E. Jarašiūnas, C. G. Fernlund, C. Vajda, S. Rodin u F. Biltgen, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: Y. Bot,

Reġistratur: M. Aleksejev, Amministratur,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tat-12 ta' Jannar 2016,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

— għall-Gvern Ġermaniż, minn T. Henze u J. Kemper, bħala aġenti,

— għall-Gvern Spanjol, minn A. Rubio González, bħala aġent,

— għall-Gvern Nederlandiż, minn M. Bulterman u M. Gijzen, bħala aġenti,

— għall-Gvern Awstrijak, minn G. Eberhard, bħala aġent,

* Lingwa tal-kawża: il-Bulgaru.

— għall-Gvern tar-Renju Unit, minn D. Blundell u L. Barfoot, bħala aġenti,

— għall-Kummissjoni Ewropea, minn R. Troosters, W. Bogensberger u V. Soloveytchik, bħala aġenti,

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tat-3 ta' Mejju 2016,

tagħti l-preżenti

## Sentenza

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikolu 17(1) u (2) tad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2008/909/ĠAI, tas-27 ta' Novembru 2008, dwar l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku ta' sentenzi f'materji kriminali li jimponu pieni ta' kustodja jew miżuri li jinvolvu ċ-ċaħda tal-libertà bil-għan li jiġu infurzati fl-Unjoni Ewropea (ĠU L 327, p. 27), kif emendata bid-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2009/299/ĠAI, tas-26 ta' Frar 2009 (ĠU L 81, p. 24, iktar 'il quddiem id-"Deċizjoni Qafas 2008/909").

2 Din it-talba tressqet fil-kuntest ta' proċedura dwar ir-rikonoxximent ta' sentenza kriminali u l-eżekuzzjoni, fil-Bulgarija, ta' piena li tinvolvi ċ-ċaħda tal-libertà mogħtija minn qorti Daniża kontra Atanas Ognyanov.

### Il-kuntest ġuridiku

*Id-dritt tal-Unjoni*

3 Id-Deċiżjoni Qafas 2008/909 issostitwiet, għall-maġġoranza tal-Istati Membri, sa mill-5 ta' Diċembru 2011, id-dispożizzjonijiet korrispondenti tal-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa, tal-21 ta' Marzu 1983, dwar it-trasferiment ta' persuni kkundannati u l-protokoll addizzjonali tagħha tat-18 ta' Diċembru 1997.

4 Il-premessa 5 ta' din id-deċiżjoni qafas hija redatta kif ġej:

"Drittijiet proċedurali fi proċedimenti kriminali huma element kruċjali biex tiġi żgurata kunfidenza reċiproka fost l-Istati Membri f'kooperazzjoni ġudizzjarja. Ir-relazzjonijiet bejn l-Istati Membri, li huma karatterizzati minn fiduċja reċiproka speċjali fis-sistemi legali ta' Stati Membri oħrajn, jippermettu r-rikonoxximent mill-Istat ta' esekuzzjoni ta' deċiżjonijiet meħuda mill-awtoritajiet ta' l-Istat emittenti. Għalhekk, għandu jiġi kkunsidrat żvilupp ulterjuri tal-kooperazzjoni previst fl-istrumenti tal-Kunsill ta' l-Ewropa li jikkonċernaw l-esekuzzjoni ta' sentenzi kriminali, b'mod partikolari fejn ċittadini ta' l-Unjoni kienu s-suġġett ta' sentenza kriminali u kienu sentenzjati għal piena ta' kustodja jew miżura li tinvolvi ċ-ċaħda tal-libertà fi Stat Membru ieħor. [...]"

5 L-Artikolu 3 tal-imsemmija deċiżjoni qafas, intitolat "Għan u Ambitu", jipprovdi li:

"1. L-għan ta' din id-Deċiżjoni Qafas hija li tistabbilixxi r-regoli li taħthom Stat Membru, bil-ħsieb li jiffaċilita r-riabilitazzjoni soċjali tal-persuna sentenzjata, għandu jirrikonoxxi sentenza u jinforza l-piena.

[...]

3. Din id-Deċiżjoni Qafas għandha tapplika biss għar-rikonoxximent ta' sentenzi u l-infurzar ta' pieni fi ħdan it-tifsira ta' din id-Deċiżjoni Qafas. [...]

[...]”

6 Skont l-Artikolu 8 tad-Deċiżjoni Qafas 2008/909, intitolat “Rikonoxximent tas-sentenza u infurzar tal-piena”:

“1. L-awtorità kompetenti ta’ l-Istat ta’ esekuzzjoni għandha tirrikonoxxi s-sentenza li tkun ġiet trasmessa [...] u għandha minnufih tieħu l-miżuri kollha meħtieġa għall-infurzar tal-piena, sakemm ma tiddeċidix li tinvoka waħda mir-raġunijiet għal non-rikonoxximent jew non-infurzar previsti fl-Artikolu 9.

2. Fejn il-piena tkun inkompatibbli mal-liġi ta’ l-Istat ta’ esekuzzjoni fir-rigward tat-tul tagħha, l-awtorità kompetenti ta’ l-Istat ta’ esekuzzjoni tista’ tiddeċiedi li tadatta l-piena biss fejn dik il-piena taqbeż il-piena massima prevista għal reati simili taħt il-liġi nazzjonali tiegħu. Il-piena adattata m’għandhiex tkun anqas mill-piena massima prevista għal reati simili taħt il-liġi ta’ l-Istat ta’ esekuzzjoni.

3. Fejn il-piena tkun inkompatibbli mal-liġi ta’ l-Istat ta’ esekuzzjoni f’termini tan-natura tagħha, l-awtorità kompetenti ta’ dak l-Istat ta’ esekuzzjoni tista’ tadattaha għall-piena jew għall-miżura prevista taħt il-liġi tagħha stess għal reati simili. Tali piena jew miżura għandha tikkorrispondi kemm jista’ jkun possibbli mal-piena imposta fl-Istat emittenti u għalhekk il-piena m’għandhiex tiġi konvertita f’piena pekunjarja.

4. Il-piena adattata m’għandhiex taggrava l-piena li ngħatat fl-Istat emittenti fin-natura jew id-dewmien tagħha.”

7 L-Artikolu 10(1) ta’ din id-deċiżjoni qafas, intitolat “Rikonoxximent u infurzar parzjali”, jipprovdi li:

“Jekk l-awtorità kompetenti ta’ l-Istat ta’ esekuzzjoni tista’ tikkonsidra r-rikonoxximent tas-sentenza u l-infurzar [parzjali] tal-piena [...], hija tista’, qabel tiddeċiedi li tirrifjuta r-rikonoxximent tas-sentenza u l-infurzar tal-piena sħiħa, tikkonsulta lill-aworità kompetenti ta’ l-Istat emittenti bil-ħsieb li jinstab ftehim [...]”

8 L-Artikolu 13 tal-imsemmija deċiżjoni qafas jipprovdi li:

“Sakemm l-infurzar tal-piena fl-Istat ta’ esekuzzjoni ma jkunx beda, l-Istat emittenti jista’ jirtira ċ-ċertifikat minn dak l-Istat, billi jagħti r-raġunijiet għal dan. Malli ċ-ċertifikat jiġi rtirat, l-Istat ta’ esekuzzjoni m’għandux jibqa’ jinforza l-piena.”

9 Skont l-Artikolu 17 tad-Deċiżjoni Qafas 2008/909, intitolat “Liġi li tirregola l-infurzar”:

“1. L-infurzar ta’ piena għandu jkun irregolat bil-liġi ta’ l-Istat ta’ esekuzzjoni. L-awtoritajiet ta’ l-Istat ta’ esekuzzjoni waħedhom għandhom, soġġett għall-paragrafi 2, u 3, jkunu kompetenti biex jiddeċiedu dwar il-proċeduri għall-infurzar u biex jiddeterminaw il-miżuri kollha relatati miegħu, inklużi r-raġunijiet għal liberazzjoni bikrija jew kondizzjonata.

2. L-awtorità kompetenti ta’ l-Istat ta’ esekuzzjoni għandha tnaqqas il-perijodu kollu ta’ ċaħda tal-libertà diġà skontata b’konnessjoni mal-piena li fir-rigward tagħha nħarġet is-sentenza mit-tul ta’ żmien totali taċ-ċaħda tal-libertà li għandu jiġi skontat.

3. L-awtorità kompetenti ta’ l-Istat ta’ esekuzzjoni għandha, fuq talba, tinforma lill-awtorità kompetenti ta’ l-Istat emittenti dwar id-dispożizzjonijiet applikabbli għal-liberazzjoni bikrija jew kondizzjonata. L-Istat emittenti jista’ jaqbel ma’ l-applikazzjoni ta’ tali dispożizzjonijiet jew jista’ jirtira ċ-ċertifikat.

4. L-Istati Membri jistgħu jipprovdu li kwalunkwe deċiżjoni dwar liberazzjoni bikrija jew kondizzjonata tista' tieħu kont ta' dawk id-dispożizzjonijiet tal-liġi nazzjonali indikati mill-Istat emittenti, li taħthom il-persuna għandha d-dritt għal-liberazzjoni bikrija jew kondizzjonata f'mument speċifiku".

10 Is-sentenza mogħtija fl-Istat emittenti u trażmessa lill-Istat ta' eżekuzzjoni għandha tkun akkumpanjata minn ċertifikat. Fl-Anness I tad-Deċiżjoni Qafas 2008/909 hemm inkluż mudell ta' dan iċ-ċertifikat.

11 Il-punt i 2. ta' dan il-mudell jirrigwarda d-"[d]ettalji tat-tul tas-sentenza". B'hekk, l-Istat emittenti għandu jipprovdi informazzjoni, fl-ewwel lok, dwar it-tul totali tal-kundanna, f'jiem (punt i 2.1 taċ-ċertifikat), fit-tieni lok, dwar il-perijodu sħiħ ta' ċaħda tal-libertà diġà skontat fil-kuntest tal-kundanna stabbilita fis-sentenza, f'jiem (punt i 2.2 taċ-ċertifikat) u, fit-tielet lok, dwar in-numru ta' jiem li għandhom jitnaqqsu mill-perijodu totali tal-kundanna abbażi ta' raġunijiet minbarra dawk previsti fil-punt 2.2 (punt i 2.3 taċ-ċertifikat).

*Id-dritt Bulgaru*

12 Mid-deċiżjoni tar-rinviju jirriżulta li, fid-data ta' din tal-aħħar, id-Deċiżjoni Qafas 2008/909 ma kinitx għadha ġiet trasposta fid-dritt Bulgaru.

13 Skont l-Artikolu 41(3) tal-kodiċi kriminali (Nakazatelen kodeks):

"Ix-xogħol imwettaq mill-persuna kkundannata għandu jittieħed inkunsiderazzjoni għal finijiet ta' tnaqqis tat-tul tal-piena b'tali mod li jumejn xogħol għandhom jiġu assimilati ma' tlett ijiem priġunerija."

14 L-Artikolu 457 tal-kodiċi tal-proċedura kriminali (Nakazatelno protsesualen kodeks, iktar 'il quddiem in-"NPK"), marbut ma' kwistjonijiet ta' eżekuzzjoni tal-kundanna fil-kuntest tat-trasferiment ta' persuni kkundannati, jipprovdi, fil-paragrafi 4 sa 6 tiegħu, li:

"4. Jekk it-tul massimu ta' priġunerija previst mid-dritt tar-Repubblika tal-Bulgarija għar-reat kriminali mwettaq ikun inqas mit-tul mogħti fis-sentenza, il-qorti għandha tnaqqas il-piena mogħtija għal dan it-tul. Jekk id-dritt tar-Repubblika tal-Bulgarija ma jipprovdix priġunerija għar-reat kriminali mwettaq, il-qorti għandha tistabbilixxi piena li tikkorrispondi kemm jista' jkun għall-kundanna mogħtija fis-sentenza.

5. Il-perijodu ta' detenzjoni provviżorja u tal-piena diġà skontata fl-Istat tal-kundanna għandu jitnaqqas u – jekk il-kundanni huma differenti – dan għandu jittieħed inkunsiderazzjoni fl-iffissar tat-tul tal-piena.

6. Il-pieni kumplimentarji mogħtija fis-sentenza għandhom jiġu eżegwiti jekk dawn ikunu previsti fid-dispożizzjonijiet korrispondenti tal-leġiżlazzjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija u ma jkunux ġew eżegwiti fl-Istat tal-kundanna."

15 Skont is-sentenza interpretattiva Nru 3/13, tat-12 ta' Novembru 2013 (iktar 'il quddiem is-"sentenza interpretattiva"), mogħtija mill-Varhoven kasatsionen sad (qorti suprema ta' kassazzjoni, il-Bulgarija), l-Artikolu 457(5) tan-NPK, moqri flimkien mal-Artikolu 41(3) tal-kodiċi kriminali (Nakazatelen kodeks), għandu jiġi interpretat fis-sens li x-xogħol ta' interess ġenerali mwettaq, fl-Istat tal-kundanna, mill-persuna Bulgara kkundannata u ttrasferita, għandu jittieħed inkunsiderazzjoni mill-awtorità kompetenti tal-Istat ta' eżekuzzjoni bil-għan li dan jitnaqqas mill-piena, b'tali mod li jumejn xogħol għandhom jiġu assimilati ma' tlett ijiem priġunerija, dment li l-Istat tal-kundanna ma jkunx diġà naqqas l-imsemmija piena bħala konsegwenza.

16 Fit-talba tagħha għal deċiżjoni preliminari, il-qorti tar-rinviju tispeċifika li hija marbuta b'din is-sentenza interpretattiva.

17 Il-qorti tar-rinviju żżid li la l-liġi u lanqas is-sentenza interpretattiva ma tagħmel riferiment għad-dmir li hija tinforma lill-Istat emittenti jew li tiġbor l-osservazzjonijiet tiegħu u li tikseb il-kunsens tiegħu għall-applikazzjoni ta' tali tnaqqis tal-piena mill-awtoritajiet kompetenti Bulgari.

**Il-kawża prinċipali u d-domandi preliminari**

18 Permezz ta' sentenza tat-28 ta' Novembru 2012, ir-Retten i Glostrup (qorti ta' Glostrup, id-Danimarka) ikkundannat lil A. Ognyanov, ċittadin Bulgaru, għal piena kumplessiva li tinvolvi ċ-ċaħda tal-libertà ta' ħmistax-il sena għal omiċidju volontarju u għal serq aggravat.

19 Qabel dan, A. Ognyanov kien tpoġġa taħt detenzjoni provviżorja fid-Danimarka, mill-10 ta' Jannar sat-28 ta' Novembru 2012, jiġifieri sad-data li fiha s-sentenza ta' kundanna li ġiet imposta fuqu saret *res judicata*.

20 Sussegwentment, mit-28 ta' Novembru 2012 sal-1 ta' Ottubru 2013, data li fiha ġie ttrasferit lill-awtoritajiet Bulgari, huwa skonta, fid-Danimarka, parti mill-piena tiegħu li tinvolvi ċ-ċaħda tal-libertà.

21 Matul l-inkarċerazzjoni tiegħu fid-Danimarka, A. Ognyanov ħadem mit-23 ta' Jannar 2012 sat-30 ta' Settembru 2013.

22 Mid-deċiżjoni tar-rinviju jirriżulta li, għall-finijiet tat-trasferiment ta' A. Ognyanov lill-awtoritajiet Bulgari, l-awtoritajiet Daniżi bbażaw ruħhom fuq id-Deċiżjoni Qafas 2008/909. Dawn tal-aħħar ressqu, quddiem l-awtoritajiet Bulgari, talba għal informazzjoni dwar il-piena li huma kienu jipprevedu li jimponu u r-regoli marbuta mal-ħelsien bikri applikabbli fil-Bulgarija. Barra minn hekk, huma indikaw espressament li d-dritt Daniż ma kienx jippermetti t-tnaqqis tal-piena li tinvolvi ċ-ċaħda tal-libertà minħabba x-xogħol imwettaq matul l-eżekuzzjoni tagħha.

23 F'data li ma ġietx speċifikata fid-deċiżjoni tar-rinviju, is-Sofiyska gradska prokuratura (prosekutur pubbliku tal-belt ta' Sofija, il-Bulgarija) adixxa lill-qorti tar-rinviju, skont l-Artikolu 457 tan-NPK, bil-għan li din tagħti deċiżjoni fuq il-kwistjonijiet marbuta mal-eżekuzzjoni tas-sentenza mogħtija mill-qorti Daniża fil-konfront ta' A. Ognyanov.

24 Fid-dawl tas-soluzzjoni stabbilita fis-sentenza interpretattiva, il-qorti tar-rinviju għandha dubju dwar jekk, sabiex tiddetermina t-tul tal-piena li għad għandha tiġi skontata minn A. Ognyanov, hija għandhiex tieħu inkunsiderazzjoni l-perijodu li matulu dan tal-aħħar ħadem f'ħabs Daniż. Jekk dan huwa l-każ, il-persuna kkonċernata tkun tibbenefika minn tnaqqis tal-piena mhux ta' sena, tmien xhur u għoxrin jum, iżda ta' sentejn, sitt xhur u erba' u għoxrin jum, fatt li jkun jippermettilu li jikseb il-libertà tiegħu b'mod antiċipat. Dik il-qorti żżid li d-Deċiżjoni Qafas 2008/909 ma tipprovdix għal tali tnaqqis tal-piena.

25 Fid-deċiżjoni tagħha, il-qorti tar-rinviju tesponi r-raġunijiet li jwassluha għall-konklużjoni li d-dritt Bulgaru ma huwiex konformi mad-dispożizzjonijiet rilevanti tad-Deċiżjoni Qafas 2008/909.

26 Fil-fatt, din il-qorti tikkunsidra, fl-ewwel lok, li l-Artikolu 17(1) tad-Deċiżjoni Qafas 2008/909 jawtorizza lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat ta' eżekuzzjoni li jiddeċiedu dwar il-mod kif piena li tinvolvi ċ-ċaħda tal-libertà "ser tiġi" eżegwita, iżda ma tawtorizzahomx li jipprovdu evalwazzjoni legali ġdida dwar il-piena diġà eżegwita fl-Istat emittenti. B'hekk, skont dik il-qorti, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat ta' eżekuzzjoni ma jistgħux jagħtu tnaqqis tal-piena fir-rigward tal-perijodu li għadu jrid jiġi skontat, minħabba xogħol imwettaq mill-persuna kkundannata f'ħabs tal-Istat emittenti.

27 Fit-tieni lok, il-qorti tar-rinviju tikkunsidra li l-Artikolu 17(2) tad-Deċiżjoni Qafas 2008/909 jobbliga lill-Istat ta' eżekuzzjoni li jwettaq tnaqqis sħiħ tal-piena li tinvolvi ċ-ċaħda tal-libertà li tkun diġà ġiet skontata mill-persuna kkundannata fl-Istat ta' emissjoni fid-data tat-trasferiment, u li tali għan ma jistax jintlaħaq jekk l-awtoritajiet kompetenti tal-imsemmi Stat ta' eżekuzzjoni jwettqu tnaqqis ta' perijodu iqsar jew itwal mill-piena eżegwita skont id-dritt tal-Istat emittenti. B'hekk, skont il-qorti tar-rinviju, it-tnaqqis ta' perijodu itwal minn dak taċ-ċaħda tal-libertà effettiva jkun imur kontra din id-dispożizzjoni.

28 Barra minn hekk, skont il-qorti tar-rinviju, iż-żewġ dispożizzjonijiet l-oħra tad-Deċiżjoni Qafas 2008/909 li jipprevedu l-possibbiltà ta' tnaqqis tal-piena, jiġifieri l-Artikolu 8(2) u l-Artikolu 10(1) ta' din tal-aħħar, huma manifestament inapplikabbli fil-kawża pendenti quddiemha.

29 Huwa f'dawn iċ-ċirkustanzi li s-Sofiyski gradski sad (qorti tal-belt ta' Sofija) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri quddiemha u li tagħmel id-domandi preliminari li ġejjin lill-Qorti tal-Ġustizzja:

"1) Id-dispożizzjonijiet tad-[Deċiżjoni Qafas 2008/909] jipprekludu lill-Istat ta' eżekuzzjoni milli jnaqqas, matul il-proċedura ta' trasferiment, it-tul tal-piena ta' priġunerija imposta mill-Istat emittenti, fuq il-bażi tax-xogħol ipprovdut waqt li din il-piena kienet qiegħda tiġi skontata fl-Istat emittenti, b'tali mod li:

a) it-tnaqqis tal-piena jirriżulta mill-applikazzjoni, skont l-Artikolu 17(1) [tad-Deċiżjoni Qafas 2008/909], tal-leġiżlazzjoni tal-Istat ta' eżekuzzjoni għall-infurzar tal-piena. L-applikazzjoni, għall-infurzar tal-piena, tal-leġiżlazzjoni tal-Istat ta' eżekuzzjoni sa mill-proċedura ta' trasferiment, fir-rigward ta' fatti (xogħol ipprovdut f'ħabs tal-Istat emittenti) li seħħew matul il-perijodu li matulu l-persuna kkundannata kienet tinsab taħt il-ġurisdizzjoni tal-Istat emittenti, hija kompatibbli mad-dispożizzjoni ċċitata iktar 'il fuq

b) it-tnaqqis tal-piena jirriżulta minn tnaqqis skont l-Artikolu 17(2) [tad-Deċiżjoni Qafas 2008/909]. Tnaqqis, skont il-leġiżlazzjoni tal-Istat ta' eżekuzzjoni, li bis-saħħa tagħha ssir evalwazzjoni legali ġdida tal-fatti li seħħew fl-Istat emittenti (xogħol ipprovdut f'ħabs tal-Istat emittenti), li jikkorrispondi għal perijodu itwal mill-perijodu ta' priġunerija ordnat inkonformità mal-leġiżlazzjoni ta' dan tal-aħħar, huwa kompatibbli mad-dispożizzjoni ċċitata iktar 'il fuq?

2) Fil-każ li d-dispożizzjonijiet iċċitati iktar 'il fuq tad-[Deċiżjoni Qafas 2008/909], jew inkella dispożizzjonijiet oħra tagħha, japplikaw għat tnaqqis tal-piena inkwistjoni, huwa meħtieġ li l-Istat emittenti, li jkun għamel talba espliċita f'dan is-sens, jiġi informat u huwa meħtieġ li l-proċedura ta' trasferiment titwaqqaf jekk dan jopponi għal tali tnaqqis? Fil-każ li jeżisti obbligu ta' informazzjoni, x'inhi n-natura ta' din l-informazzjoni: ġenerali u astratta, dwar id-dritt applikabbli, jew inkella dwar it-tnaqqis tal piena konkret li l-qorti jkollha l-intenzjoni tagħti lill-persuna kkundannata?

3) Fil-każ li l-Qorti tal-Ġustizzja tqis li l-Artikolu 17(1) u (2) tad-[Deċiżjoni Qafas 2008/909] jipprekludi tnaqqis tal-piena mill-Istat ta' eżekuzzjoni fuq il-bażi tad-dritt intern ta' dan tal-aħħar (minħabba xogħol ipprovdut fl-Istat emittenti), id-deċiżjoni tal-qorti nazzjonali li tapplika, minkejja kollox, il-liġi nazzjonali tagħha, minħabba li tkun inqas ħarxa mill-Artikolu 17 tad-[Deċiżjoni Qafas 2008/909], hija kompatibbli mad-dritt tal-Unjoni?"

## Fuq id-domandi preliminari

### *Fuq l-ewwel domanda*

30 Permezz tal-ewwel domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk l-Artikolu 17(1) u (2) tad-Deċiżjoni Qafas 2008/909 għandux jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi regola nazzjonali li tiġi interpretata b'tali mod li tawtorizza lill-Istat ta' eżekuzzjoni jikkonċedi lill-persuna kkundannata

tnaqqis tal-piena minħabba x-xogħol li din tkun wettqet matul l-inkarċerazzjoni tagħha fl-Istat emittenti, meta l-awtoritajiet kompetenti ta' dan l-aħħar imsemmi Stat ma jkunux ikkonċedew tali tnaqqis tal-piena, b'mod konformi mad-dritt ta' dan tal-aħħar.

31 Bil-għan li tingħata risposta għal din id-domanda, għandu jitfakkar li, skont ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, għall-interpretazzjoni ta' dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni, ma għandhomx jiġu kkunsidrati biss il-kliem tagħha iżda wkoll il-kuntest tagħha u l-għanijiet imfittxija mil-leġiżlazzjoni li tagħha hija tagħmel parti (sentenza tas-16 ta' Lulju 2015, Lanigan, C-237/15 PPU, EU:C:2015:474, punt 35).

32 Fir-rigward tal-kliem tal-Artikolu 17(1) u (2) tad-Deċiżjoni Qafas 2008/909, hemm lok li jiġi rrilevat li, għalkemm il-paragrafu 1 tal-imsemmi artikolu jipprovdi li l-"infurzar ta' piena għandu jkun irregolat bil-liġi ta' l-Istat ta' esekuzzjoni", dan ma jispeċifikax madankollu, kif jirrileva l-Avukat Ġenerali fil-punt 63 tal-konklużjonijiet tiegħu, jekk dan jindirizzax l-eżekuzzjoni tal-piena sa mill-għoti tas-sentenza fl-Istat emittenti jew inkella l-eżekuzzjoni tagħha sa mit-trasferiment tal-persuna kkundannata lejn l-Istat ta' eżekuzzjoni.

33 L-Artikolu 17(2) tad-Deċiżjoni Qafas 2008/909 jipprovdi li "[l]-awtorità kompetenti ta' l-Istat ta' esekuzzjoni għandha tnaqqas il-perijodu kollu ta' ċaħda tal-libertà diġà skontata b'konnessjoni mal-piena li fir-rigward tagħha nħarġet is-sentenza mit-tul ta' żmien totali taċ-ċaħda tal-libertà li għandu jiġi skontat". Din id-dispożizzjoni, li hija bbażata fuq il-premessa li persuna kkundannata tista' tiskonta parti mill-piena tagħha fl-Istat emittenti qabel it-trasferiment tagħha, ma tippermettix li jiġi ddeterminat jekk l-Istat ta' eżekuzzjoni jistax japplika tnaqqis tal-piena li jkun jieħu inkunsiderazzjoni x-xogħol imwettaq mill-persuna kkundannata waqt l-inkarċerazzjoni penitenzjarja tagħha fl-Istat emittenti.

34 Għaldaqstant jeħtieġ li jittieħed inkunsiderazzjoni l-kuntest tal-Artikolu 17 tad-Deċiżjoni Qafas 2008/909. F'dan ir-rigward, jeħtieġ li jiġi rrilevat li dan l-artikolu jaqa' taħt il-Kapitolu II ta' din tal-aħħar, intitolat ir-"Rikonoxximent ta' sentenzi u infurzar ta' pieni". Dan il-kapitolu, kompost mill-Artikoli 4 sa 25, jistabbilixxi sensiela ta' prinċipji f'ordni kronoloġika.

35 Fl-ewwel lok, kif jikkonstata l-Avukat Ġenerali fil-punt 100 tal-konklużjonijiet tiegħu, l-Artikoli 4 sa 14 tad-Deċiżjoni Qafas 2008/909 jistabbilixxu r-regoli li l-Istati Membri għandhom japplikaw bil-għan li jipproċedu bit-trasferiment tal-persuna kkundannata. B'hekk, l-Artikoli 4 sa 6 ta' din id-deċiżjoni qafas jispeċifikaw, qabelxejn, il-modalitajiet relatati mat-trażmissjoni tas-sentenza u taċ-ċertifikat lill-Istat ta' eżekuzzjoni. Sussegwentement, l-Artikoli 7 sa 14 tal-imsemmija deċiżjoni qafas jistabbilixxu l-prinċipji applikabbli għad-deċiżjonijiet ta' rikonoxximent tas-sentenza u tal-eżekuzzjoni tal-kundanna.

36 B'mod partikolari, l-Artikolu 8 tal-istess deċiżjoni qafas jistabbilixxi l-kundizzjonijiet stretti għall-addattament, mill-awtorità kompetenti tal-Istat ta' eżekuzzjoni, tal-kundanna imposta fl-Istat emittenti, liema kundizzjonijiet b'hekk jikkostitwixxu l-uniċi eċċezzjonijiet għall-obbligu ta' prinċipju, li jinkombi lill-imsemmija awtorità, li tirrikonoxxi s-sentenza li tkun ġiet trażmessa lilha u li teżegwixxi l-kundanna li t-tul u n-natura tagħha jkunu jikkorrispondu għal dawk previsti fis-sentenza mogħtija f'dak l-Istat emittenti.

37 Barra minn hekk, mill-Artikolu 13 tad-Deċiżjoni Qafas 2008/909 jirriżulta li l-Istat emittenti jżomm ferma l-kompetenza tiegħu li jeżegwixxi piena dment li "l-infurzar tal-piena fl-Istat ta' esekuzzjoni ma jkunx beda".

38 Fit-tieni lok, l-Artikolu 15 tad-Deċiżjoni Qafas 2008/909 jistabbilixxi l-modalitajiet applikabbli għat-trasferiment tal-persuna kkundannata filwaqt li l-Artikolu 16 tagħha jipprovdi dispożizzjonijiet partikolari f'każ ta' tranżitu tal-persuna kkundannata fit-territorju ta' Stat Membru ieħor.

39 L-Artikolu 17 tad-Deċiżjoni Qafas 2008/909 jikkostitwixxi l-estensjoni tad-dispożizzjonijiet li jippreċeduh sa fejn jistabbilixxi l-prinċipji applikabbli għall-eżekuzzjoni tal-kundanna ġaladarba l-persuna kkundannata tkun ġiet ittrasferita lill-awtorità kompetenti tal-Istat ta' eżekuzzjoni.

40 Minn dan isegwi li l-Artikolu 17 tad-Deċiżjoni Qafas 2008/909 għandu jiġi interpretat fis-sens li huwa biss id-dritt tal-Istat emittenti li huwa applikabbli, inkluż għall-kwistjoni tal-għoti possibbli ta' tnaqqis tal-piena, fir-rigward tal-parti mill-piena skontata mill-persuna kkonċernata fit-territorju tal-imsemmi Stat sat-trasferiment tagħha lejn l-Istat ta' eżekuzzjoni. Id-dritt ta' dan l-aħħar imsemmi Stat, min-naħa tiegħu, japplika biss għal dik il-parti mill-piena li tkun għadha trid tiġi skontata minn din il-persuna, wara dan it-trasferiment, fit-territorju tal-Istat ta' eżekuzzjoni.

41 Tali interpretazzjoni tirriżulta wkoll mill-mudell ta' ċertifikat, li jinsab fl-Anness I tad-Deċiżjoni Qafas 2008/909.

42 F'dan ir-rigward, jeħtieġ li jiġi osservat li dan il-mudell ta' ċertifikat jikkostitwixxi formola standard li għandha tiġi kkompletata mill-awtorità kompetenti tal-Istat emittenti, u li mbagħad għandha tiġi trażmessa, flimkien mas-sentenza ta' kundanna, lill-awtorità kompetenti tal-Istat ta' eżekuzzjoni. Skont l-Artikolu 8(1) tad-Deċiżjoni Qafas 2008/909, l-awtorità kompetenti tal-Istat ta' eżekuzzjoni għandha tirrikonoxxi s-sentenza ta' kundanna filwaqt li tibbaża ruħha fuq l-informazzjoni indikata, f'dan iċ-ċertifikat, mill-awtorità kompetenti tal-Istat emittenti.

43 Mill-punt i 2.2 tal-mudell ta' ċertifikat, relatat mal-indikazzjonijiet li għandhom jingħataw dwar it-tul tal-kundanna, jirriżulta li l-Istat emittenti huwa marbut li jindika, f'numru ta' jiem, il-perijodu sħiħ ta' ċaħda tal-libertà diġà skontat fil-kuntest tal-kundanna imposta permezz tas-sentenza. Fil-punt i 2.3 ta' dan il-mudell, l-Istat emittenti għandu jindika n-numru ta' jiem li għandhom jitnaqqsu mit-tul totali tal-kundanna għal raġunijiet oħra minbarra dawk previsti fil-punt i 2.2 tal-imsemmi mudell. Fil-punt i 2.3 ta' dan tal-aħħar hemm ukoll inkluża lista mhux eżawrjenti ta' "raġunijiet oħra", u fosthom hemm inkluża l-maħfra jew il-miżura ta' klemenza diġà mogħtija fir-rigward tal-kundanna. B'hekk, kif jikkonferma l-Avukat Ġenerali fil-punt 116 tal-konklużjonijiet tiegħu, dan il-punt i 2.3 jippermetti lill-Istat emittenti li jipprovdi informazzjoni addizzjonali meta ċirkustanzi partikolari, bħal pereżempju x-xogħol imwettaq matul l-inkarċerazzjoni mill-persuna kkundannata, ikunu diġà wasslu għal tnaqqis tal-piena.

44 Minn dawn il-kunsiderazzjonijiet preċedenti kollha jirriżulta li, qabel ir-rikonoxximent tas-sentenza ta' kundanna mill-Istat ta' eżekuzzjoni u t-trasferiment tal-persuna kkundannata lejn dan l-aħħar imsemmi Stat, huwa l-Istat emittenti li għandu jiddetermina t-tnaqqis tal-piena marbut mal-perijodu ta' inkarċerazzjoni skontat fit-territorju tiegħu. Huwa biss dan l-aħħar imsemmi Stat li huwa kompetenti jikkonċedi tnaqqis tal-piena minħabba x-xogħol imwettaq qabel it-trasferiment u, fejn xieraq, li jindika dan it-tnaqqis lill-Istat ta' eżekuzzjoni fiċ-ċertifikat previst fl-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni Qafas 2008/909. Għaldaqstant, l-Istat ta' eżekuzzjoni ma jistax, b'mod retroattiv, japplika d-dritt tiegħu tal-eżekuzzjoni tal-pieni u, b'mod partikolari, il-leġiżlazzjoni tiegħu marbuta mat-tnaqqis tal-piena, minflok dak tal-Istat emittenti sa fejn dan jikkonċerna l-parti tal-piena li tkun diġà ġiet skontata mill-persuna kkonċernata fit-territorju ta' dan l-aħħar imsemmi Stat.

45 F'dan il-każ, mill-atti prodotti quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li, waqt it-trasferiment ta' A. Ognyanov lill-awtoritajiet Bulgari kompetenti, l-awtoritajiet Daniżi indikaw espressament li l-liġi Daniża ma kinitx tippermetti t-tnaqqis tal-piena li tinvolvi ċ-ċaħda tal-libertà minħabba xogħol imwettaq mill-persuna kkundannata matul l-inkarċerazzjoni tagħha. Konsegwentement, l-awtorità kompetenti, fl-Istat ta' eżekuzzjoni, għall-kwistjonijiet marbuta mal-eżekuzzjoni tal-piena, bħall-qorti tar-rinviju, ma tistax tikkonċedi tnaqqis tal-piena fir-rigward ta' dik il-parti mill-piena li tkun diġà ġiet skontata mill-persuna kkundannata fit-territorju tal-Istat emittenti, meta l-awtoritajiet ta' dan l-aħħar imsemmi Stat ma jkunux ikkonċedew tali tnaqqis tal-piena b'mod konformi mad-dritt nazzjonali tagħhom.

46 Interpretazzjoni kuntrarja tista' finalment tippreġudika l-għanijiet tad-Deċiżjoni Qafas 2008/909, fosthom, b'mod partikolari, l-osservanza tal-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku, li jikkostitwixxi, skont il-premessa 1 ta' din id-deċiżjoni qafas, moqrija flimkien mal-Artikolu 82(1) TFUE, il-"pedament" tal-kooperazzjoni ġudizzjarja fil-qasam kriminali fi ħdan l-Unjoni Ewropea (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-5 ta' April 2016, Aranyosi u Căldăraru, C-404/15 u C-659/15 PPU, EU:C:2016:198, punt 79).

47 F'dan ir-rigward, il-premessa 5 tad-Deċiżjoni Qafas 2008/909 tenfasizza li din il-kooperazzjoni hija bbażata fuq fiduċja reċiproka partikolari tal-Istati Membri fir-rigward tas-sistemi ġudizzjarji rispettivi tagħhom.

48 Issa, li kieku qorti nazzjonali tal-Istat ta' eżekuzzjoni kellha, b'mod konformi mad-dritt nazzjonali tagħha, wara li tkun irrikonoxxiet is-sentenza ta' kundanna mogħtija minn qorti tal-Istat emittenti u wara li l-persuna kkundannata tkun ġiet ittrasferita lill-awtoritajiet tal-Istat ta' eżekuzzjoni, tikkonċedi tnaqqis tal-piena fir-rigward ta' dik il-parti mill-piena diġà skontata minn din il-persuna fit-territorju tal-Istat emittenti, anki meta l-awtoritajiet kompetenti ta' dan l-aħħar imsemmi Stat ma jkunux, abbażi tad-dritt nazzjonali tagħhom, ikkonċedew tali tnaqqis tal-piena, dan ikun jikkomprometti l-fiduċja reċiproka partikolari tal-Istati Membri fir-rigward tas-sistemi ġudizzjarji rispettivi tagħhom.

49 Fil-fatt, f'tali każ, il-qorti nazzjonali tal-Istat ta' eżekuzzjoni tkun qiegħda tapplika, b'mod retroattiv, id-dritt nazzjonali tagħha għall-parti mill-piena skontata fit-territorju li taqa' taħt il-ġurisdizzjoni tal-Istat emittenti. B'hekk hija tkun qiegħda teżamina mill-ġdid il-perijodu ta' inkarċerazzjoni skontat fit-territorju tal-imsemmi Stat, fatt li jkun imur kontra l-prinċipju ta' rinkonoxximent reċiproku.

50 Barra minn hekk, mill-Artikolu 3(1) tad-Deċiżjoni Qafas 2008/909 jirriżulta li r-rikonoxximent tas-sentenza u l-eżekuzzjoni tal-kundanna minn Stat Membru li ma jkunx dak li fih ingħatat l-imsemmija sentenza huma intiżi sabiex jiffaċilitaw ir-reintegrazzjoni soċjali tal-persuna kkundannata. Għaldaqstant, il-ksur tal-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku jkun ukoll jikser dan l-għan.

51 Fid-dawl ta' dawn l-elementi preċedenti kollha, ir-risposta li għandha tingħata għall-ewwel domanda hija li l-Artikolu 17(1) u (2) tad-Deċiżjoni Qafas 2008/909 għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi regola nazzjonali interpretata b'tali mod li tawtorizza lill-Istat ta' eżekuzzjoni jikkonċedi lill-persuna kkundannata tnaqqis tal-piena minħabba xogħol li hija tkun wettqet matul l-inkarċerazzjoni tagħha fl-Istat emittenti, meta l-awtoritajiet kompetenti ta' dan l-aħħar imsemmi Stat ma jkunux ikkonċedew tali tnaqqis tal-piena b'mod konformi mad-dritt tal-istess Stat emittenti.

*Fuq it-tieni domanda*

52 Permezz tat-tieni domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tixtieq tkun taf, essenzjalment, jekk, fil-każ li l-Artikolu 17 tad-Deċiżjoni Qafas 2008/909 jippermetti lill-awtorità kompetenti tal-Istat ta' eżekuzzjoni tapplika tnaqqis tal-piena, bħal dak inkwistjoni fil-kawża prinċipali, fir-rigward ta' dik il-parti mill-piena li tkun diġà ġiet skontata mill-persuna kkundannata fit-territorju tal-Istat emittenti, l-Istat ta' eżekuzzjoni jkunx obbligat li jinforma lill-Istat emittenti, li jkun ressaq talba espressa f'dan is-sens, b'din l-applikazzjoni. Fil-każ ta' risposta pożittiva għal din id-domanda, il-qorti tar-rinviju għandha dubju dwar in-natura tal-informazzjoni li għandha tiġi kkomunikata.

53 Fid-dawl tar-risposta li ngħatat għall-ewwel domanda, ma hemmx lok li tiġi eżaminata t-tieni domanda.

*Fuq it-tielet domanda*

54 Permezz tat-tielet domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk id-dritt tal-Unjoni għandux jiġi interpretat bħala li jipprekludi lil qorti nazzjonali milli tapplika regola nazzjonali, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, minkejja li din tkun tmur kontra l-Artikolu 17(1) u (2) tad-Deċiżjoni Qafas 2008/909, peress li din ir-regola nazzjonali tkun inqas severa mill-imsemmija dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni.

55 Qabelxejn jeħtieġ li jiġi enfasizzat li l-invokazzjoni mill-qorti tar-rinviju tal-prinċipju ta' applikazzjoni retroattiva tal-liġi kriminali l-inqas severa hija bbażata fuq il-premessa li d-dritt Bulgaru – b'mod partikolari r-regoli ta' dan id-dritt fil-qasam tat-tnaqqis tal-piena – huwa intiż li japplika wkoll għall-perijodu ta' inkarċerazzjoni skontat minn A. Ognyanov fid-Danimarka qabel it-trasferiment tiegħu lejn il-Bulgarija. Issa, kif jirriżulta mir-risposta mogħtija għall-ewwel domanda, tali premessa hija żbaljata.

56 Ladarba dan ġie stabbilit, issa jeħtieġ li jiġi rrilevat li, b'differenza minn dak li donnhom jissuġġerixxu l-qorti tar-rinviju u l-Kummissjoni Ewropea, id-Deċiżjoni Qafas 2008/909 ma għandhiex effett dirett. Fil-fatt, din id-deċiżjoni qafas ġiet adottata abbażi ta' dak li qabel kien it-tielet pilastru tal-Unjoni, b'mod partikolari, permezz tal-Artikolu 34(2)(b) UE. Issa, din id-dispożizzjoni tipprovdi, minn naħa, li d-deċiżjonijiet qafas jorbtu lill-Istati Membri fir-rigward tar-riżultat li għandu jintlaħaq, filwaqt li żżomm ferma l-kompetenza tal-istanzi nazzjonali fir-rigward tal-forma u tal-mezzi u, min-naħa l-oħra, li d-deċiżjonijiet qafas ma jistgħux jiksbu effett dirett.

57 F'dan ir-rigward, jeħtieġ li jitfakkar li skont l-Artikolu 9 tal-Protokoll (Nru 36) dwar id-dispożizzjonijiet tranżitorji, anness mat-Trattati, l-effetti legali tal-atti tal-istituzzjonijiet, tal-korpi u tal-organi tal-Unjoni adottati abbażi tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea qabel id-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona għandhom jiġu ppreżervati sakemm dawn l-atti jiġu rrevokati, jiġu anullati jew jiġu emendati fl-implementazzjoni tat-Trattati. Peress li d-Deċiżjoni Qafas 2008/909 ma ġietx imħassra, annullata jew emendata, hija għandha tibqa' tipproduċi l-effetti legali tagħha skont l-Artikolu 34(2)(b) UE.

58 Il-ġurisprudenza tistabbilixxi wkoll li, minkejja li l-deċiżjonijiet qafas ma jistgħux, skont l-Artikolu 34(2)(b) UE, jipproduċu effett dirett, in-natura vinkolanti tagħhom madankollu tobbliga lill-awtoritajiet nazzjonali, u b'mod partikolari lill-qrati nazzjonali, li jagħtu interpretazzjoni konformi tad-dritt nazzjonali (ara s-sentenza tal-5 ta' Settembru 2012, Lopes Da Silva Jorge, C-42/11, EU:C:2012:517, punt 53 u l-ġurisprudenza ċċitata).

59 Għaldaqstant, meta tapplika d-dritt nazzjonali, il-qorti nazzjonali li tiġi mitluba li tinterpretah, għandha, sa fejn huwa possibbli, tagħmel dan fid-dawl tat-test u tal-għan tad-deċiżjoni qafas sabiex jintlaħaq ir-riżultat previst minnha. Dan l-obbligu ta' interpretazzjoni konformi tad-dritt nazzjonali huwa fil-fatt inerenti fis-sistema tat-Trattat FUE għaliex dan jippermetti lill-qrati nazzjonali li jiżguraw, fil-kuntest tal-kompetenzi tagħhom, l-effettività sħiħa tad-dritt tal-Unjoni meta dawn jiddeċiedu l-vertenzi li jkunu aditi bihom (ara s-sentenza tal-5 ta' Settembru 2012, Lopes Da Silva Jorge, C-42/11, EU:C:2012:517, punt 54 u l-ġurisprudenza ċċitata).

60 Barra minn hekk, mid-deċiżjoni tar-rinviju jirriżulta li, fid-data ta' din tal-aħħar, id-Deċiżjoni Qafas 2008/909 ma kinitx għadha ġiet trasposta fid-dritt Bulgaru, filwaqt li, skont l-Artikolu 29 ta' din id-deċiżjoni qafas, tali traspożizzjoni kellha ssir sal-5 ta' Diċembru 2011.

61 F'dan ir-rigward, hemm lok li jiġi rrilevat li l-qorti tar-rinviju ilha marbuta li tosserva l-prinċipju ta' interpretazzjoni konformi sa mid-data tal-iskadenza tat-terminu għat-traspożizzjoni ta' din id-deċiżjoni qafas (ara, b'analoġija, is-sentenza tal-4 ta' Lulju 2006, Adeneler *et*, C-212/04, EU:C:2006:443, punti 115 kif ukoll 124).

62 Madankollu, jeħtieġ li jitfakkar li dan il-prinċipju ta' interpretazzjoni konformi huwa suġġett għal ċerti limiti.

63 B'hekk, l-obbligu tal-qorti nazzjonali li tagħmel riferiment għall-kontenut ta' deċiżjoni qafas meta din tinterpreta u tapplika r-regoli rilevanti tad-dritt nazzjonali tagħha huwa limitat mill-prinċipji ġenerali tad-dritt, b'mod partikolari, minn dawk ta' ċertezza legali u ta' nuqqas ta' retroattività (ara s-sentenzi tas-16 ta' Ġunju 2005, Pupino, C-105/03, EU:C:2005:386, punt 44, u tal-5 ta' Settembru 2012, Lopes Da Silva Jorge, C-42/11, EU:C:2012:517, punt 55).

64 Dawn il-prinċipji jipprekludu, b'mod partikolari, il-fatt li dan l-obbligu jista' jwassal sabiex tiġi ddeterminata jew aggravata, abbażi ta' deċiżjoni qafas u indipendentement mil-liġi adottata għall-implementazzjoni ta' din tal-aħħar, ir-responsabbiltà kriminali ta' dawk li jiksru d-dispożizzjonijiet tagħha (ara s-sentenza tas-16 ta' Ġunju 2005, Pupino, C-105/03, EU:C:2005:386, punt 45).

65 Madankollu, f'dan il-każ, l-obbligu ta' interpretazzjoni konformi jkun ifisser li A. Ognyanov ma jistax jibbenefika, skont id-dritt Bulgaru, minn tnaqqis tal-piena minħabba x-xogħol imwettaq matul il-perijodu ta' inkarċerazzjoni fid-Danimarka, liema tnaqqis, fil-fatt, jaqa' taħt il-kompetenza esklużiva ta' dan l-aħħar imsemmi Stat Membru. Għall-kuntrarju dan ma jwassalx għall-konsegwenza li tiġi ddeterminata jew aggravata r-responsabbiltà kriminal ta' A. Ognyanov, u lanqas li jiġi olterat, b'detriment għal dan tal-aħħar, it-tul tal-kundanna naxxenti mis-sentenza imposta fuqu fit-28 ta' Novembru 2012 mir-Retten i Glostrup (qorti ta' Glostrup).

66 L-obbligu ta' interpretazzjoni konformi jintemm ukoll meta d-dritt nazzjonali ma jkunx jista' jiġi applikat b'mod li jkun iwassal għal riżultat kompatibbli ma' dak previst mid-deċiżjoni qafas. Fi kliem ieħor, il-prinċipju ta' interpretazzjoni konformi ma jistax iservi ta' bażi għal interpretazzjoni *contra legem* tad-dritt nazzjonali. Madankollu, dan il-prinċipju jirrikjedi li l-qorti nazzjonali tieħu inkunsiderazzjoni, fejn xieraq, id-dritt nazzjonali kollu sabiex tevalwa sa liema punt dan jista' jiġi applikat mingħajr ma jkun iwassal għal riżultat li jkun imur kontra dak previst mid-deċiżjoni qafas (ara s-sentenzi tas-16 ta' Ġunju 2005, Pupino, C-105/03, EU:C:2005:386, punt 47, kif ukoll tal-5 ta' Settembru 2012, Lopes Da Silva Jorge, C-42/11, EU:C:2012:517, punti 55 u 56).

67 F'dan il-kuntest, jeħtieġ li jiġi speċifikat li r-rekwiżit ta' interpretazzjoni konformi jinkludi l-obbligu, tal-qrati nazzjonali, inklużi l-qrati tal-aħħar grad, li jolteraw, fejn ikun xieraq, ġurisprudenza stabbilita jekk din tkun ibbażata fuq interpretazzjoni tad-dritt nazzjonali li tkun inkompatibbli mal-għanijiet ta' deċiżjoni qafas (ara, b'analoġija, is-sentenzi tad-19 ta' April 2016, DI, C-441/14, EU:C:2016:278, punt 33, u tal-5 ta' Lulju 2016, Ognyanov, C-614/14, EU:C:2016:514, punt 35).

68 F'dan il-każ, mill-atti prodotti quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li r-regola nazzjonali inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li skontha x-xogħol ta' interess ġenerali mwettaq, fl-Istat emittenti, mill-persuna kkundannata Bulgara ttrasferita, għandu jittieħed inkunsiderazzjoni mill-awtorità kompetenti tal-Istat ta' eżekuzzjoni bil-għan li titnaqqas il-piena, tirriżulta minn interpretazzjoni tal-Artikolu 457(5) tan-NPK, ikkunsidrat flimkien mal-Artikolu 41(3) tal-kodiċi kriminali (Nakazatelen kodeks), mogħtija mill-Varhoven kasatsionen sad (qorti suprema ta' kassazzjoni) fis-sentenza interpretattiva tagħha.

69 Għaldaqstant, il-qorti tar-rinviju ma tistax, fil-kawża prinċipali, tikkunsidra b'mod validu li huwa impossibbli għaliha li tinterpreta d-dispożizzjoni nazzjonali inkwistjoni b'mod konformi mad-dritt tal-Unjoni, sempliċiment minħabba l-fatt li din id-dispożizzjoni ġiet interpretata, mill-Varhoven kasatsionen sad (qorti suprema ta' kassazzjoni), fis-sens li ma hijiex kompatibbli ma' dan id-dritt (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tad-19 ta' April 2016, DI, C-441/14, EU:C:2016:278, punt 34).

70 F'dawn iċ-ċirkustanzi, hija l-qorti tar-rinviju li għandha tiżgura l-effett sħiħ tad-Deċiżjoni Qafas 2008/909 billi fejn ikun neċessarju ma tapplikax, fuq inizjattiva tagħha stess, l-interpretazzjoni mogħtija mill-Varhoven kasatsionen sad (qorti suprema ta' kassazzjoni), peress li din l-interpretazzjoni ma hijiex kompatibbli mad-dritt tal-Unjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-5 ta' Lulju 2016, Ognyanov, C-614/14, EU:C:2016:514, punt 36).

71 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, ir-risposta li għandha tingħata għat-tielet domanda hija li d-dritt tal-Unjoni għandu jiġi interpretat fis-sens li qorti nazzjonali hija obbligata li tieħu inkunsiderazzjoni r-regoli kollha tad-dritt nazzjonali u li tinterpretahom, kemm jista' jkun, b'mod konformi mad-Deċiżjoni Qafas 2008/909, bil-għan li jintlaħaq ir-riżultat previst minnha, billi fejn ikun neċessarju ma tapplikax, fuq inizjattiva tagħha stess, l-interpretazzjoni mogħtija mill-qorti nazzjonali tal-aħħar grad, peress li din l-interpretazzjoni ma hijiex kompatibbli mad-dritt tal-Unjoni.

## Fuq l-ispejjeż

72 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (Awla Manja) taqta' u tiddeċiedi:

1) **L-Artikolu 17(1) u (2) tad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2008/909/ĠAI, tas-27 ta' Novembru 2008, dwar l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku ta' sentenzi f'materji kriminali li jimponu pieni ta' kustodja jew miżuri li jinvolvu ċ-ċaħda tal-libertà bil-għan li jiġu infurzati fl-Unjoni Ewropea, kif emendata bid-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2009/299/ĠAI, tas-26 ta' Frar 2009, għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi regola nazzjonali interpretata b'tali mod li tawtorizza lill-Istat ta' eżekuzzjoni jikkonċedi lill-persuna kkundannata tnaqqis tal-piena minħabba xogħol li hija tkun wettqet matul l-inkarċerazzjoni tagħha fl-Istat emittenti, meta l-awtoritajiet kompetenti ta' dan l-aħħar imsemmi Stat ma jkunux ikkonċedew tali tnaqqis tal-piena b'mod konformi mad-dritt tal-istess Stat emittenti.**

2) **Id-dritt tal-Unjoni għandu jiġi interpretat fis-sens li qorti nazzjonali hija obbligata li tieħu inkunsiderazzjoni r-regoli kollha tad-dritt nazzjonali u li tinterpretahom, kemm jista' jkun, b'mod konformi mad-Deċiżjoni Qafas 2008/909, bil-għan li jintlaħaq ir-riżultat previst minnha, billi fejn ikun neċessarju ma tapplikax, fuq inizjattiva tagħha stess, l-interpretazzjoni mogħtija mill-qorti nazzjonali tal-aħħar grad, peress li din l-interpretazzjoni ma hijiex kompatibbli mad-dritt tal-Unjoni.**

Firem